MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tal-5 ta' Marzu, 2012

Numru. 1263/2011

**PULIZIJA**
**SPETTUR SPIRIDIONE ZAMMIT**
**VS**
**EMANUEL CAMILLERI**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Emanuel Camilleri, ta' 54 sena iben Paul u Rita nee'Scicluna, mwieled Pieta, nhar is-27 ta'Settembru 1957, u joqghod 'Valentino' Nru 105 Triq il-Karmnu Fgura, u detentur tal-karta ta' l-identita bin numru 648357(M);

1. Akkuzat talli b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti kiser l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi, b'risoluzzjoni wahda billi:

2. Fis-26 t'Ottubru 2011 ghal habta ta'11.30am, u zminijet qabel waqt li kien gewwa l-fond Saint Vincent De Paule fi Triq l-Mgieret Hal-Luqa u f'dawn il-gzejjer ikkommetta serq ta'frott, butir u hobz liema serq hu kkwalifikat bil-persuna ghad-dannu tal-Gvern ta'Malta;

3. U aktar talli fl-istess cirkustanzi bhala Ufficjal jew Impjegat Pubbliku, ghal xi vantagg privat tieghu, jew ghal beneficcju ta' xi persuna ohra jew entita' ohra ghamel uzu hazing minn hwejjeg mobbli, li kienu gew fdati lilu minhabba l-kariga jew impjieg tieghu jew seraq oggetti li huma propjeta tal-Gvern ta'Malta

F'Kaz ta' htija taht l-Artikolu 127 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta'Malta il-Qorti giet mitluba li tapplika l-Interdizzjoni Generali Perpetwa tal-imsemmi Emanuel Camilleri.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet l-ammisjoni ta'l-imputat;

Semghet il-konferma ta' l-istess ammisjoni tal-imputat wara li l-Qorti akkordat zmien ragonevoli ghal-ripensament;

Rat id-dokumenti ezebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi fuq l-istess ammissjoni tieghu, il-Qorti ssib lill-imputat Emanuel Camilleri, hati tal-ewwel u tieni  akkuza, mhux hati tat-tielet akkuza li hija alternattiva ghat-tieni akkuza, li

minnha tilliberah, u wara li rat Artikoli 18, 261(d), 268, 281(a) Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta'Malta tillibera lill-imputat Emanuel Camilleri bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn(2).

Din il-piena qedgha tigi akkordata wara li il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat, il-fedina penali nadifa tieghu, l-eta avvanzata tal-imputat, u il-fatt ewlieni illi is-serq minn fuq il-post tax-xoghol kien jikkonsisti f'hobza , butir, nofs tuzzana laring u nofs tuzzana tuffieh.

Din il-Qorti in vista tal-eta tal-imputat, l-fedina penali nadifa tieghu tirrakomanda illi l-imputat ma jitlifx l-impjieg tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------